**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A54/11

12 t'April 2011

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/53**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir it-**Tnejn 18 t' April 2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. *Update* ta' *Tenders - GLC002/2010 Mixed Household Waste –GLC003/2010 Public Private Partnership*
6. Jum il-Gżira
7. Approvazzjoni għall-ħruġ t'*Expression of Interest* – Avukat – Perit għall-Kunsill Lokali
8. Affarijiet oħra
9. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

23 ta' Mejju 2011

Ref Nru.Klg5/054

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/54 li saret it-Tnejn 18 t' April 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat**

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-12 t' April 2011.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/54 tat-18 t' April 2011, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1. Paġna Nru: 2 para 1.1.2

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ittra lid-Dipartiment għall-Immaniġjar ta' l-Artijiet dwar proposta biex isir taraġ biex jgħaqqad Triq Reggie Miller u Triq Madonna tal-Ġebla, kienet intbagħtet.

### 2.2. Nru: 4 para 3.5 – *Planters fuq iz-zuntier*

Matul id-diskussjoni li saret, fejn fost affarijiet oħra, l-Kunsillier Anthony Abela qal, li l-*planters* kienu għadhom fuq iz-zuntier u fl-opinjoni tiegħu jkun aħjar li wieħed jikrihom milli jixtrihom għaliex id-differenza fl-ammont (€4,000) kienet minima. Il-Viċi-Sindku qal, li kienu kellmu lil Dott Ronald Cuschieri (*E.L.C.*) sabiex dawn jingħataw mingħajr ħlas iżda r-risposta kienet fin-negattiv u hi verita' li dawn jinxtraw darba pero', l-Kunsill irid jara jekk il-manutenzjoni tagħhom kienitx inkluża fil-kuntratt eżistenti. Huwa kompla jgħid, li kien ser iċempel lil-*E.L.C.* minħabba l-fatt, li dawn ma kienux approvati mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kull proposta diskussa mal-*Consortium* għandha tkun bil-kitba sabiex filwaqt li titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill, iridu jiġu verifikati s-segwenti:

- kemm ser jiżdied ix-xogħol fuq il-kuntratt annwali, għaliex sa ċertu persentaġġ jiġi assorbit fl-ispiża kurrenti filwaqt, li jekk jaċċedi dan, it-*tender* jispeċifika ż-żiedet fil-ħlasijiet ta' kull xahar.

- l-Kunsill irid jiddeċiedi, jekk huwiex ser jixtri jew jikri għaliex a bazi ta' dan, irid ikun hemm id-deċiżjoni li jekk ser jixtri tistax issir varjanza fuq il-kuntratt annwali jew tinħareġ kwotazzjoni skont il-proċeduri finanzjarji filwaqt, li jekk ser jinkrew irid jiġi aċċertat jekk il-kuntratt jippermettix jew tridx tinġieb approvazzjoni mid-Dipartiment.

Hi ġibdet l-attenzjoni għall-fatt, li dan il-kuntratt, ilu li għalaq 'l fuq minn tlett snin u l-Kunsill irid jirregola l-pożizzjoni tiegħu.

Il-Viċi-Sindku qal, li s'issa ebda Auditur ma kien ġibdilna l-attenzjoni u għalhekk, fl-opinjoni tiegħu kollox għandu jibqa' kif inhu.

Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid, li ma kienx hemm għalfejn tinġibed l-attenzjoni mill-Auditur iżda, hi parti mix-xogħol tal-Kunsill li jieħu ħsieb il-kuntratti.

### 2.3. Paġna Nru: 4 para 3.8. – Triq Cuschieri

Wara li l-Kunsillier Anthony Abela ta' rendikont tas-*site inspection* li għamel tat-triq hawn fuq imsemmija, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li tinġieb kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur *J.&K.Contractors Ltd* sabiex tiġi *re-instated* parti mill-bankina.

### 2.4. Paġna Nru: 7 para 7.1.2 – *Tender GLC003/2010 – PPP*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ma kien irċieva ebda appell saż-żmien stipulat jiġifieri sat-8 t'April 2011. Għaldaqstant, kien ipprosegwa billi sejjaħ lid-ditta *Polidano Bros. Ltd* biex din tħejji rapport dwar il-mod ta' kif kien ser jaħdem u tiġi ffirmata l-*Letter of Acceptance*. Matul din il-laqgħa li saret, is-Sur Paul Polidano għan-nom tad-ditta *Polidano Bros* informa, li filwaqt li d-ditta rringrazzjat talli rebħet l-offerta madanakollu, minħabba żiedet drastiċi fil-prezzijiet tad-*diesel*, huma ma setgħux jaħdmu bir-rata ta' *item 5.07* kif sottomessa fis-sejħa għall-offerti u għalhekk, kienu qed jitolbu li din ir-rata tiġi aġġustata b'tali mod, li tirrifletti ż-żiedet u jkun hemm żieda ta' bejn €4 u €6 kull metru kwadru u dan skont jekk il-ħlas isirx mill-ewwel jew fuq il-meddha tas-snin.

Hu kompla jgħid, li din il-materja kienet diġa nġiebet għall-attenzjoni ta' l-Onor Chris Said li mill-ewwel reazzjoni tiegħu għan-nom tal-Gvern kienet fin-negattiv. Madanakollu, l-kuntratturi li qed jidħlu għal dawn is-sejħiet ta' l-offerti, kienu qed jiddiskutu din is-sitwazzjoni sabiex iħejju formali l-pożizzjoni tagħhom u għalhekk, hu ma setax jibda x-xogħol qabel ma jkollu risposta għal din it-talba. Iż-żiedet fl-*items* l-oħra ta' l-istess sejħa kienu ser jiġu assorbiti mill-istess kumpanija.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lid-ditta sabiex tissottometti din it-talba bil-miktub liema talba, tkun trid tiġi mogħddija lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li l-Gvern jagħmel parti min din is-Sejħa għall-offerti.

### 2.5. Paġna Nru: 7 para 8.1.

Rigward it-*tender* tal-bankini, l-Viċi-Sindku ta' rendikont ta' dak sottomess lil *U.I.F.*

### 2.6. Pagna Nru: 6 para 5.1. – *Accountant*

Inqrat ittra mibgħuta mill-*Accountant* Johanna Caruana (ara *Appendix* Nru: 1) fejn qalet li kienet irċeviet il-*back up* bil-*postings* li kien sar mill-*Accountant* ta' qabel Antoine Portelli u li skop ta' l-ittra kien biex tinforma li kien hemm xogħol addizzjonali sabiex tkun tista' tingħalaq is-sena finanzjarja 2010. Fl-ittra ġew elenkati l-osservazzjonijiet li saru iżda f'dan l-

istadju, ma setgħetx tikwantifika kemm kieniet ser tieħu ħin sabiex tagħlaq s-sena finanzjara hawn fuq imsemmija pero' kienet ser tagħmel ħilitha kollha biex din issir fl-iqsar żmien possibbli.

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jimpjega persuna oħra.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandha tibda l-proċedura sabiex tiġi mpjegata persuna oħra.

**2.7.** Il-Viċi-Sindku ta rendikont tas-*site inspection* li kellu flimkien ma' l-Perit David Vassallo tat-Transport Malta dwar diversi *loading/unloading bays* fil-lokalita', l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2011 fosthom, trid titneħħa ta' quddiem *Tereza Confectionery*, il-garaxx ta' Tanti Palmier fi Triq Ponsonby irid jiġi nkorporat fil-*loading/unloading* kif ukoll titneħħa dik ta' *Stivala Operators Ltd* fl-istess triq, fi Triq il-Flotta ta' *Matthew's Confectionery* trid tkun ta' 5.5 *metres* u jiġi konfermat is-sit fi Triq Sliema – *Azzopardi Fisheries*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandna nissottomettu l-lista tat-toroq ta' fejn saret i*s-site-inspection* sabiex it-*Transport Malta* tkun tista' tigwida lill-Kunsill każ b'każ. .

**2.7.1** Il-Kunsill qabel unanimament li l-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods għandu jibgħat ittra lid-ditta *Stivala Operators Ltd* u dan minħabba l-fatt, li din id-ditta ġiet mitluba ripetutament sabiex titneħħa l-pjattaforma fi Triq Ponsonby skont deċiżjoni li ttieħdet waqt laqgħa tal-Kunsill li saret fl-4 ta' Novembru 2010, għal liema laqgħa, kien hemm preżenti rappreżentat tad-ditta hawn fuq msemmija u sa dakinhar tal-laqgħa d-ditta responsabbli mhux talli ma kienitx neħħietha iżda, fl-aħħar komunikat verbali lanqas ikkommettiet l-impenn tagħha biex takkolja d-deċiżjoni tal-Kunsill. .

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-18 t' April 2011 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom:

**3.3.** Il-Kunsill qabel unanimament, li ma jsib ebda oġġezzjoni li ssir tombola kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa mill-*Gżira United Football Club* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa matul ix-xhur tas-Sajf kif indikat fuq *site plan 2,* kemm –il darba jkollhom il-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti iżda n-*no objection* hawn fuq msemmija teskludi d-depożitu tal-*container*.

**3.3.1** Il-Kunsill qabel unanimament li ma tistax tinħareġ ittra ta' *no objection* għall-*Fun Fair* li ser issir fin-*Nicholl Ground* bejn is-27 ta' Mejju u l-20 ta' Ġunju 2011 u dan minħabba l-fatt, li *Manoel Island* ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali Gżira.

**3.4.** L-*Appraisal Report* u l-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv ġie approvat mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jitħallas l-ammont ta' €40,000 mill-fondi ta' l-*LES* kontra l-*loan facilities* (A/C Nos: 40018995497/40018995565).

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu wara li jsir dan il-ħlas, l-*Accountant* għandha tagħmel *review* tal-*loan facilities*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.6.** Inqara r-rapport li ntbagħat mill-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja fejn ġie konfermat ix-xogħol t'asfaltar fi Triq Immakulata Kunċizzjoni nkluż il-*patch work* li sar wara li kien tlesta r-*resurfacing* tat-triq.

**3.7.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni li jingħata ċertifikat t'attendenza biss lil dawk li pparteċipaw għall-kors tal-*Health, Well-Being & Successful Ageing* minħabba l-fatt, li l-parteċipanti ma xtaqux jagħmlu l-*assessment* sabiex jingħataw *MQF 1 Certificate*.

**3.8.** Tressqet talba mis-Sur Alfred Grixti Kap ta' l-iskola Sekondarja Gżira sabiex il-Kunsill jħallas it-trasport mill-Gżira għaċ-Ċirkewwa u lura għal *educational school trip to Gozo* fis-26 u 27 ta' Mejju 2011.

Matul id-diskussjoni li saret minkejja l-fatt, li s-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li skont Memo 65/2009, u d-direzzjoni verbali mogħtija mis-Sur Silvio Frendo Assistent Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li din it-talba ma setgħetx tintlaqa', l-Kunsill unanimament insista, li dan il-ħlas għandu jsir.

Is-Segretarju Eżekuittiv wieġbet, li filwaqt li tifhem il-pożizzjoni tal-Kunsill, irribatiet li mhux permessibbli li jsir il-ħlas..

In vista ta' dan, il-Kunsill qabel unanimament, li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali liema talba, kienet qed issir minħabba l-fatt, li verbalment il-Kunsill miftiehem ma' l-iskejjel statali, li filwaqt li huma jorganizzaw attivitajiet kuturali, l-Kunsill jipprovdi t-trasport bl-għan, li tiġi promovuta l-kultura fost it-tfal.

**3.9.** Il-Kunsill unanimament ma qabilx li tingħata l-informazzjoni mitluba permezz ta' *e-mail* mibgħuta mid-ditta *WasteServ* rigward *costings* tal-ġbir ta' l-iskart matul l-2010.

**3.10.** Rigward iż-żjara ta' l-Onor Dott Chris Said, fil-lokalita' tal-Gżira, fid-19 t'April 2011, bejn 1.00 p.m. u 2.30 p.m. li għaliha kienu ser jattendu s-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Abela u dan minħabba l-fatt, li l-Kunsillieri Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter ma setgħux jattendu minħabba mpenn ta' xogħol filwaqt, li l-Kunsillier Anthony Grech kellu mpenn personali.

L-ittinerarju kien Toroq Immakulata Kunċizzjoni, Nicola Cottoner u *Samuel Taylor Coleridge,* Toroq *Sir Patrick Stuart* u *Sir Frederick Ponsonby (PPP)*, il-Librerija Pubblika u l-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa. Waqt din iż-żjara, l-Kunsill kellu jkellem lil Onor Chris Said dwar Triq Nazju Ellul u Triq Gżira li minkejja l-fatt, li dawn jiffurmaw parti mit-toroq residenzjali li jridu jsiru mill-Gvern Ċentrali, s'issa kienu għadhom pendenti.

**3.11.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*billboard* mid-ditta *Panel Pix* fi Triq ix-Xatt ħdejn *Manoel Island bridge* għandha l-permessi kollha meħtieġa kif ġie konfermat mill-*Government Property Department,* permezz ta' *e-mail* datata 13 t'April 2011.

**3.12.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba ta' *Reserved Parking* fi Triq Antonio Sammut, li saret mis-Sur Peter Fitzgerald.

**3.13.** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti tad-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi – Servizz ta' *Probation*

**3.14.** Tressqu żewġ kwotazzjonijiet, waħda mingħand id-ditta *Venture Trading* għal tlett *TFT Monitors* għall-ammont ta' €637. 20 VAT inkluża u oħra mingħand id-ditta *Oxford House Ltd* dwar *Ergonomic Chairs* għall-Uffiċċju Amministrattiv.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li għalkemm dawn setgħu jinxtraw b'*direct order*, għandha tinħareġ kwotazzjoni skont il-proċedura jiġifieri, li tiġi ppubblikata fil-gazzetta tal-Gvern u fil-*Malta Independent*.

**3.15.** Il-Kunsill qabel unanimament, li jilqa' l-proposta biex jitpoġġew *Outdoor Maps* f'diversi postijiet fil-lokalita' aċċessibbli għar-residenti u turisti mid-ditta *Blues Ltd* taħt is-segwenti kundizzjonijiet:

- kontribuzzjoni annwali ta' €116.47 għal kull Mappa
- manutenzjoni trid issir mid-ditta hawn fuq msemmija
- ebda mappa ma tista' tiġi nstallata qabel ma tkun approvata mill-Kunsill

- fil-każ li tkun trid tinbel xi waħda minnhom, id-ditta *Blues Ltd* trid tagħmel dan f'*time frame* raġunevoli
- id-ditta *Blues Ltd* tkun responsabbli għall-*health & safety issues*
- ebda *stand* bil-mappa ma trid tagħlaq l-aċċess pubbliku
- regoli u kundizzjonijiet maħruġa mit-*Transport Malta*, Kummissjoni Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u Awtoritajiet kompetenti oħra għandhom jiġu segwiti.
- Il-Kunsill jirriserva d-dritt li joħroġ kundizzjonijiet oħra jekk ikun hemm in-neċessita'

Il-Kunsill issuġġerixxa żewġ siti li kienu, t-*traffic Island* fi Triq Sliema quddiem *Azzopardi Fisheries* u matul il-*promenade* fi Triq ix-Xatt.

**3.16.** Il-Kunsill qabel unanimament, li għandha tiġi preparata t-*tender* tal-*Housing Estate* mill-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja minħabba l-fatt, li x-xogħol involut (*400 sqm approx*) jaċċedi l-ammont ta' €4,658.75.

**3.17.** Matul id-diskussjoni li saret rigward Triq Emanuel Giordano, fejn ġew evalwati s-suġġerimenti mibgħuta mill-Perit, l-Kunsill qabel unanimament, li jintalbu xi soluzzjonijiet oħra.

**3.18.** Rigward il-wirja annwali *The Great Spring Show*, li kellha tiġi organizzata fl-14 u l-15 ta' Mejju 2011, il-Kunsill bħalma għamel fil-passat, wera x-xewqa li jipparteċipa madanakollu, in vista ta' *Memo 65/2009*, ma setax joffri €4.66 bħala donazzjoni lis-Soċjeta' iżda l-Kunsill kellu jinforma jekk setax jibgħat l-ammont ta' €23.30 għall-qoffa biex b'hekk jipparteċipa biss fil-wirja.

**3.19.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minkejja l-pressjoni li qed issir mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex fejn ikun hemm ħsarat f'toroq ġodda r-*reinstatement* irid ikun *full width HRA,* dawn qed jinjoraw kompletament u saħansittra jaħdmu u jibgħatu kopja tal-permess wara li jkun tlesta x-xogħol, b'referenza partikolari għax-xogħlijiet li saru quddiem residenza nru 388 Triq D'Argens.

Il-Kunsill insista, li din il-procedura għandha tibqa' applikabbli.

**3.20.** Inqrat ittra mibgħuta mill-*Ombudsman* dwar il-każ tas-Sur Anthony Azzopardi fejn ġiet rifjutata t-talba tal-kumpens għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu.

**3.21.** Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li xi residenti kienu qed jilmentaw minħabba l-fatt, li wara li kien sar l-asfaltar tat-Triq Immakulata Kunċizzjoni, kien naqqas *parking bay*.

Il-Viċi-Sindku qal, li dawn kienu saru mill-kuntrattur tal-Kunsill (*Koptasin*) skont t-*Terms of Reference* tat-*Transport Malta*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fiż-żmien ta' meta kien President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, kienu bdew diskussjonijiet bbażati fuq raġunijiet validi li f'ċertu postijiet, jiġu mplimentati ċertu *parking bays*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li jesiġi li l-kuntratturi appuntati minnu, jimxu mad-dokumenti uffiċjali kif maħruġa mill-Awtoritajiet relevanti. Hi kompliet tgħid, li r-*road markings* għandhom isiru skont it-*Terms of Reference* għax min ser ikun responsabbli jekk isir xi inċident minħabba *roadmarkings* li ma jkunux saru skont it-termini hawn msemmija.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jikkonsidra r-*residents parking scheme* fil-lokalita'.

Iċ-*Chairman* qal, li filwaqt li din il-materja għandha tiġi diskussa aktar fid-dettal, madanakollu, meta l-Kunsill kien talab *feedback* mir-residenti permezz tal-*magazine* tal-Kunsill, *Impenn,* għalkemm in-numru tat-twġibiet ma kienx voluminuż madanakollu, l-maġġoranza ma qablux li r-*resident parking scheme* għandha tiġi mplimentata fil-lokalita'

**3.22.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 2228 sa Nru: 2255 (ara *appendix* Nru: 2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

- *Venture Trading* €130.44
- *Union Print Ltd* €55.13

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, ir-*Request Sheets* minn Nru: 2228 sa Nru: 2255 u dawk elenkati f'para 4.2., ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

## 5. *Update ta' Tenders GLC002/2010 Mixed Household Waste – GLC003/2010 Public Private Partnership*

**5.1.** *GLC002/2010 Mixed Household Waste*

Il-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda notifika mill-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi.

**5.2.** *GLC003/2010 Public Private Partnership*

Is-suġġett sopraċitat, ġie diskuss aktar 'l fuq matul din il-laqgħa.

## 6. Jum il-Gżira

**6.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li bħal ma sar fis-snin ta' qabel, kienu ser isiru ż-żjarat lill-Anzjani tal-lokalita' li huma residenti f'*San Vincenz de Paule, Casa Leone, Gżira Home* u dawk li ma joħorgux minn djarhom.

Minħabba l-fatt, li l-2011 hi s-sena tal-volontarjat li ser tiġi ċelebrata fit-30 t'April, iċ-*Chairman* qal li kien ġie avviċinat min Ms Chantelle – *Scout Leader* ta' l-i*Scouts* tal-Gżira sabiex dawn jieħdu parti f'xi attivita' tal-Kunsill f'dak il-jum. Għaldaqstant, huwa kien qed jissuġġerixxi li waħda mill-attivitajiet ta' l-Anzjani ssir fil-ġurnata hawn fuq msemmija bil-parteċipazzjoni ta' l-*Scouts*.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment.

## 7. Approvazzjoni għall-Ħruġ t'*Expression of Interest* – Avukat u Perit għall-Kunsill Lokali

**7.1.** Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu kien wasal iż-żmien li tinħareġ *Expression of Interest* kemm għall-Avukat kif ukoll, għall-Perit tal-Kunsill u dan minħabba l-fatt, li l-kuntratt ta' Dr. Edward Woods kien ilu mill-01 ta' Novembru 1994 u dak tal-Perit Joe Bugeja nbeda fil-15 ta' Lulju 1996.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li nikkuntattjaw lil dawk il-Kunsilli Lokali li ħarġu *tenders* simili biex jibgħatulna kopja tagħhom.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1.** Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill kien qed jaħli ħafna ħin fil-preparamenti tat-*tenders* u fl-opinjoni tiegħu jkun aħjar jekk il-Perit jipprepara *tender* wieħed pero' biex ma jorbotx lill-Kunsill l-ġdid, l-għażla tkun ta' dan ta' l-aħħar.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li wieħed irid joqgħod attent meta jinħarġu l-parametri u l-kalkulazzjonijiet mill-Perit minħabba l-fatt, li l-ammont jista' jiżdied b'10% u biex inkunu fir-regola, t-*tender* irid jiġi aġġudikat mill-Perit il-ġdid.

**8.2.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li s-*Summer Music Nights* jerġgħu jibdew isiru wara l-festa tal-lokalita' kull nhar ta' Ħamis mis-Sur David Grasso u li għandha tintbagħat *e-mail* lill-Kunsilli Lokali kollha biex

jekk ikunu jafu b'xi nies li jridu jipparteċipaw u b'hekk jippromovu talenti ġodda.

**8.3.** Fir-rispett tal-Perit li għandu jivvaluta l-post fis-*Savoy Gardens*, iċ-*Chairman* ppropona lill-Perit Luduvigo Micallef (Viċi-President *M.F.A.*) filwaqt li l-Viċi-Sindku ssuġġerixxa l-Perit tal-Gvern.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak propost miċ-*Chairman.* Iċ-C*hairman* qal, li kien ser jieħu ħsieb din il-materja.

**8.4.** Fir-rispett ta' l-Avukat li għandu jidher għan-nom tal-Kunsill fl-appell dwar it-*tender GLC002/2010 Mixed Household Waste*, ġie ssuġġerit l-Avukat Robert Mangion, fin-nuqqas ta' dan, nikkuntattjaw l-Avukat Massimo Vella ta' *Vella & Associates*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Laqgħa Oħra**

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.45 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 23 ta' Mejju 2011, fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Gżira Local Council

**Ref No: K072/119/11**

**18 April 2011 KLG5/54**

| **R/Sheet No:** | **Description** | **€** | **Chq No:** |
|---|---|---|---|
| **2228** | **Fabian Ent. Ltd inv Nos: 451636-451661-451676-451718-451767-451772-452074** | **125.52** | **7099** |
| **2229** | **Env. L/Scapes Cons. Inv. No: 7050 Maint soft areas for the month of March 2011** | **2,212.92** | **7100** |
| **2230** | **ECAD membership fee for 2011** | **200.00 (Swift payment)** | |
| **2231** | **S.Rausi Trading Ltd Inv No: 11135284 Drinking water** | **13.49** | **7101** |
| **2232** | **Borg Hardware Store** | **12.50** | **7102** |
| **2233** | **Standard Publications Ltd Inv. No: 73091 advert locality Call** | **46.26** | **7103** |
| **2234** | **Makaw Ironmongery Inv. Nos: 18883-18890 roadmarking paint** | **387.71** | **7104** |
| **2235** | **Squire Bookshop Inv. 8779 newspapers for the month of March 2011** | **44.35** | **7105** |
| **2236** | **Venture Trading Inv. No: 16540-stationery** | **102.58** | **7106** |
| **2237** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali – reflective Stickers Inv: 14363 – D/O 2084** | **95.00** | **7107** |
| **2238** | **Welcome Garage – Transport skola kinder** | **42.00** | **7108** |
| **2239** | **AKL Assikurazzjoni tal-flus – 01.01.2011 31.12.2011** | **63.00** | **7109** |
| **2240** | **AKL Ħlas tal-Performing Rights – 01.01.2011 31.12.2011** | **18.00** | **7110** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2241 | C.S.D. office Trade Inv. No: 34223 | 76.80 | 7111 |
| 2242 | G3S Security Services (Malta) Ltd Inv. No: GS002279 | 30.44 | 7112 |
| 2243 | MITA Inv. SIN024643 Connectivity period April – June 2011 | 416.85 | 7113 |
| 2244 | Melita plc Order No: 24449278 repair of cable | 13.48 | 7114 |
| 2245 | J.F. Mallia Ltd Inv No: 555 maint. Bozoz toroq | 246.50 | 7115 |
| 2246 | J.F. Mallia Ltd Inv. No: 559 – 5 U shape bollards for bring in site | 230.01 | 7116 |
| 2247 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Inv. No: 14407 road markings fi Triq Immakulata Kunċizzjoni | 102.49 | 7117 |
| 2248 | C.S.D. Office Trade Inv. No: 33682 copy paper | 35.16 | 7118 |
| 2249 | The Toolbox Inv. Nos: 10002-10107-10135 10140-10152-10166-10173 | 170.66 | 7119 |
| 2250 | Mr. Em. Mifsud Inv. No: 74 Door to Door Collection April 2011 | 5,590.50 | 7120 |
| 2251 | Mr. Em. Mifsud Inv. No: 75 Hire of Skips April 2011 | 432.87 | 7121 |
| 2252 | Mr. Em. Mifsud Inv. No: 76 Service of Public Convenience – April 2011 | 836.06 | 7122 |
| 2253 | Mr. Em. Mifsud inv. No: 77 Bulky Refuse - 182 Calls for the month of March 2011 | 996.27 | 7123 |
| 2254 | Mr. Joe Borg Inv. No: 24 Duck Food for the month of April 2011 | 46.59 | 7124 |
| 2255 | Sandra Galea Inv. No: 18 Crafts Lessons for the month of April 2011 | 375.00 | 7093 |